32007D0004

4.1.2007 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 1/9

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## ta' l-1 ta' Jannar 2007

## li temenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill

(2007/4/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 207(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1), u l-Artikolu 41(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 2 ta' l-Anness III għar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ([1]).

Billi:

(1) L-Artikolu 11(5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill (minn hawn 'il quddiem imsejħin "ir-Regoli ta' Proċedura") jipprovdi li meta deċiżjoni għandha tiġi adottata mill-Kunsill b'maġġoranza kwalifikata, u jekk membru tal-Kunsill hekk jitlob, għandu jiġi verifikat li l-Istati Membri li jikkostitwixxu din il-maġġoranza kwalifikata jirrappreżentaw millinqas 62 % tal-popolazzjoni totali ta' l-Unjoni Ewropea kalkolata abbażi taċ-ċifri tal-popolazzjoni mniżżla fl-Artikolu 1 ta' l-Anness III għar-Regoli ta' Proċedura.

(2) L-Artikolu 2(2) ta' l-Anness III għar-Regoli ta' Proċedura dwar regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet rigward l-ippeżar tal-voti fil-Kunsill jipprovdi li, b'seħħ mill-1 ta' Jannar ta' kull sena, il-Kunsill għandu, skond id-*data* disponibbli fl-Uffiċju ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej fit-30 ta' Settembru tas-sena ta' qabel, jadatta ċ-ċifri mniżżla fl-Artikolu 1 ta' dak l-Anness.

(3) Ir-Regoli ta' Proċedura għandhom jiġu emendati għaldaqstant,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Artikolu 1 ta' l-Anness III għar-Regoli ta' Proċedura għandu jiġi sostitwit bit-test li ġej:.

"*Artikolu 1*

Għall-finijiet ta' l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 205(4) tat-Trattat KE, l-Artikolu 118(4) tat-Trattat Euratom, it-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 23(2) u l-Artikolu 34(3) tat-Trattat UE, il-popolazzjoni totali ta' kull Stat Membru għall-perijodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2007 għandha tkun kif ġej:

| Stat Membru | Popolazzjoni (x 1 000) |
|---|---|
| Ġermanja | 82 438,0 |
| Franza | 62 886,2 |
| Renju Unit | 60 421,9 |
| Italja | 58 751,7 |
| Spanja | 43 758,3 |
| Polonja | 38 157,1 |
| Rumanija | 21 610,2 |
| Olanda | 16 334,2 |
| Greċja | 11 125,2 |
| Portugall | 10 569,6 |
| Belġju | 10 511,4 |
| Repubblika Ċeka | 10 251,1 |
| Ungerija | 10 076,6 |
| Svezja | 9 047,8 |
| Awstrija | 8 265,9 |
| Bulgarija | 7 718,8 |
| Danimarka | 5 427,5 |
| Slovakja | 5 389,2 |
| Finlandja | 5 255,6 |
| Irlanda | 4 209,0 |
| Litwanja | 3 403,3 |
| Latvja | 2 294,6 |
| Slovenja | 2 003,4 |

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/683/KE, Euratom tal-15 ta' Settembru 2006 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill (ĠU L 285, 16.10.2006, p. 47).

| Stat Membru | Popolazzjoni (x 1 000) |
|---|---|
| Estonja | 1 344,7 |
| Ċipru | 766,4 |
| Lussemburgu | 459,5 |
| Malta | 404,3 |
| Total | 492 881,2 |
| Livell mitlub (62 %) | 305 586,3" |

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandu jkollha effett mill-1 ta' Jannar 2007.

Hija għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 1 ta' Jannar 2007.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
F.-W. STEINMEIER